MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Numru 345/1999

**Il-Pulizija**
(Supt. Paul Debattista)
**vs**
**Imman Mallia**
**Ramadan Rashed**
**Hayat Attard**

**Fil-Konfront ta’ Ramadan Rashed biss.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ramadan Rashed, bin Ahmed u Fawzija, imwieled Dakahlia Egittu fit-3 ta’ Jannar 1970 u joqghod ‘Fabia Flats’ No3, Triq il-Marfa, Mellieha, numru tal-karta ta’ l-identita 396693(m).
Talli flimkien ma Hayat Attard fit-18 ta’ April 1999 sar komplici fid-delitt kommes minn Imman Mallia billi xewwex lil Imman Mallia inkella sahhah il-volonta taghha sabiex

taghmel delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistijha jew jieqaf maghha jew b'xi modd, xjentament, ghen jew assista lil Imman Mallia fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat bi ksur tal-Artikoli 42, 43, 214, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li intalbet separazzjoni tal-Gudizzju fil-konfront ta' Ramadan Rashed, liema talba giet milqugha.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Gunju 2002 fejn iddikjara li kontra l-akkuzat setghet tinstab htija tar-reati msemmija fl-Artikoli 42, 43, 214, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali.

Rat li wara li saret id-dikjarazzjoni mill-prosekuzzjoni li ma fadalhiex aktar provi, l-akkuzat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat,

1. Jirrizulta li Zina Grima kienet xhud f'kawza kriminali kontra l-akkuzat Rashed u kienet inghatat harsien mill-Pulizija.

2. L-akkuzat qed jigi mixli b'komplicita b'delitt allegatament kommess mill-akkuzata Imman Mallia.

3. Zina Grima ma xehedtx ghax tinsab l-Italja fejn qed tghin f'xi investigazzjoni lill-Pulizija Taljana. L-Istqarrija ta' ghaxar faccati maghmula quddiem is-Supretendent (illum Assistent Kummissarju) Paul Debattista iffirmata minn Zina Grima ma gietx esebita. Qabel meta kien inkarigat mill-kaz is-Supretendent Bartolomeo Mula hi rrifjutat li taghmel stqarrija. Certu Semir li kien ma Grima ma giex prodott bhala xhud.

4. Fit-18 ta' April 1999 zgur saret glieda quddiem l-ghassa tal-Qawra bejn l-akkuzata Imman Mallia u Zina Grima. Setghet grat ohra qabel quddiem il-Knisja l-gdida ta' Bugibba. Dwar kemm il-glieda grat hemm konflitt bejn ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni (ara xhieda ta' bin il-vittma a fol 16-21 u xhieda tal-Kuntistabbli 534 Joseph Cini a fol 82-83).

5. Zina Grima kellha griehi fuqha. Il-Pulizija fittxet ghal xi sikkina fil-karozza ta' l-akkuzat imma ma sabet xejn. Zina Grima giet mistoqsija mill-Kuntistabbli

870 Reuben Farrugia dwar fejn kienet is-sikkina li hi qalet li ntuzat izda hi ‘‘qabdet il-bieb u telqitli ‘l barra (mill-ghassa) minghajr ma taghtni risposta ta’ xejn.” (a fol 63) Skond l-Ispettur Joseph Valletta “fir-rapport taghna m’hemmx imsemmi xejn skieken” (fol 58).

6. Irrizulta li fil-hin li bdiet il-glieda l-akkuzat dahal jirraporta l-ghassa u ghal dak li allegatament gara ma kienx prezenti.

7. Mehudin in konsidirazzjoni il-punti fuq imsemmija u partijiet ohra tax-xhieda, inkluza dik ta’ bin “il-vittma”, l-Qorti thoss li ma tistax tghid x’gara ezatt u ghalhekk ma tistax issib lill-akkuzat hati. Il-Prosekuzzjoni setghet ressqet provi ahjar imma lanqas sabet l-ghajnuna ta’ Zina Grima li telqet minn Malta.

Ghalhekk il-Qorti, minhabba nuqqas ta’ provi tillibera lill-akkuzat minn kull htija u kastig.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------